II

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

KUMMISSJONI

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Lulju 2005,

li tagħti derogi lil ċerti Stati Membri dwar l-istatistika li għandha tingħabar għas-snin ta' referenza 2004 u 2006 skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1450/2004

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2005) 2772)

(It-testi bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bit-Taljan u bil-Malti huma awtentiċi)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/685/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1450/2004 tat-13 ta' Awwissu 2004 li jimplimenta d-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' l-istatistika tal-Komunità dwar l-innovazzjoni [1], u b'mod partikolari t-taqsima 8 ta' l-Anness tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1450/2004 fih il-qafas ta' referenza ta' l-istandards komuni, definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet għall-ġabra ta' l-istatistika Komunitarja dwar l-innovazzjoni sabiex jinkisbu riżultati statistiċi ta' l-aħjar kwalità mill-Istati Membri skond dawn l-istandards, definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet.

(2) It-Taqsima 8 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1450/2004 tistipula li, safejn is-sistemi ta' l-istatistika nazzjonali jeħtieġu adattamenti kbar, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi lill-Istati Membri għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-istatistika miġbura għas-sena ta' referenza 2004. Derogi oħra jistgħu jingħataw fir-rigward tal-kopertura ta' l-attivitajiet ekonomiċi skond in-NACE Rev. 1. 1 jew analiżi skond il-klassi ta' daqs ta' l-istatistika li għandha tingħabar għas-sena ta' referenza 2006.

(3) Derogi bħal dawn ġew mitluba mill-awtoritajiet rispettivi tal-Greċja, Franza, Malta, l-Italja u l-Awstrija.

(4) Skond it-tagħrif li wasal lill-Kummissjoni (Eurostat), it-talbiet mill-Istati Membri kkonċernati saru minħabba l-fatt li jeħtieġu jagħmlu bidliet importanti fis-sistemi ta' l-istatistika tagħhom.

(5) Id-derogi mitluba għandhom għalhekk jingħataw,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Derogi jingħataw lill-Greċja, Franza, l-Italja, Malta u l-Awstrija, kif stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Griega, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika ta' Malta u lir-Repubblika ta' l-Awstrija.

Magħmula fi Brussell, nhar it-22 ta' Lulju 2005.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 267, ta' l-14.8.2004, p. 32.

ANNESS

DEROGI MOGĦTIJA

Pajjiż	
Il-Greċja	Għall-istatistika tal-Komunità ta' l-innovazzjoni li għandha tingħabar għas-sena ta' referenza 2004: id-dewmien ta'trażmissjoni msemmi fit-taqsima 6 ta' l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni 9KE) Nru 1450/2004 ser ikun ta' 20 xahar minflok ta' 18-il xahar.
Franza	Għall-istatistika tal-Komunità ta' l-innovazzjoni li għandha tingħabar għas-sena ta' referenza 2006: għar-riżultati kollha minbarra dawk li għandhom x'jaqsmu mat-taqsima D ta' NACE Rev.1.1 u mal-klassi ta'daqs ta' 10-49 impjegati
L-Italja	Għall-istatistika tal-Komunità ta' l-innovazzjoni li għandha tingħabar għas-sena ta' referenza 2006: ir-riżultati m'għandhomx jiġu analizzati skond l-attivitajiet ekonomiċi fi qbil man-NACE Rev.1.1 jew skond il-klassi ta' daqs
Malta	Għall-istatistika tal-Komunità ta' l-innovazzjoni li għandha tingħabar għas-sena ta' referenza 2004: l-ebda riżultati m'għandhom jiġu trażmessi Għall-istatistika tal-Komunità ta' l-innovazzjoni li għandha tingħabar għas-sena ta' referenza 2006: ir-riżultati m'għandhomx jiġu analizzati skond l-attivitajiet ekonomiċi fi qbil man-NACE Rev.1.1 jew skond il-klassi ta' daqs
L-Awstrija	Għall-istatistika tal-Komunità ta' l-innovazzjoni li għandha tingħabar għas-sena ta' referenza 2004: is-sena ta' referenza għandha tkun 2005 minflok 2004